TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 130/12-F

**Mary Ann Axisa**
**vs**
**Portughes Dry Cleaning**

Illum 26 ta' Frar, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 ta' Mejju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), rappreżentanti prezz ta' tvalja li wara li sarilha l-proċess ta' *dry cleaning*, kien hemm it-toqob li ma kinux hemm qabel u li t-tbajja ma tnaddfux.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħadet tvalja għal *dry cleaning* u wara li sarilha l-proċess ħarġu diversi toqob, kif ukoll it-tbajja kienu għadhom hemm.

L-intimat issottometta illi t-tvalja kienet xi waħda antika u meta sar il-proċess tad-*dry cleaning* ittaqbet u xorta ma marrux it-tbajja kollha, minħabba li l-materjal kien antik u dgħajjef. L-intimat issottometta illi r-rikorrenti ma kinitx infurmat lis-soċjeta' ntimata li din it-tvalja kienet *Irish linen* u li kienet ilha għandha xi għoxrin sena.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jikkonsidra illi l-espert f'dan il-każ hija s-soċjeta' ntimata u tkun responsabli għall-konsegwenzi, u allura hi tista' tkun taf u tiddeċiedi jekk għandux isir il-proċess ta' *dry cleaning* jew le u mhux ir-rikorrenti, għalkemm ir-rikorrenti kellha l-obbligu biex tgħid kemm kienet antika, dan ma jfissirx illi għandha tiġi mir-responsabbilta' tagħha.

**Għal dawn il-motivi:**

F'dan il-każ it-Tribunal, jiddeċiedi li minħabba l-fatt illi t-tvalja kienet antika ħafna u li probabbli l-materjal kien laħaq iddgħajjef, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte* u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888